MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 302/2003

**Angela Azzopardi Aguis**

**Vs**

**Createl Limited**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Marzu 2003 fejn l-attrici talbet sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm736 (seba` mija u sitta u tletin Lira Maltin) rapprezentanti ammont dovuti in konnessjoni ma servizzi resi mill-attrici lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata minn dana l-Onorabbli Tribunal, thallas lill-attrici s-somma ta’ seba` mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm736) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizzi

rezi mill-attrici lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi nonstante nterpellata thallas anke permezz ta’ ittri interpellatorji datati 22/1/01 u 11/7/02, dina baqghet inadempjenti ghalkemm irrikonoxdxiet li d-debitu huwa dovut, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja, u tal-konsult u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effitiv kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. In linea preliminari, t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta
2. Illi bil-mertu t-talbiet attrici huma infondati bl-fatt u bid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.
3. Illi l-ammont mitlub mill-attrici huwa eccessiv.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi t-Tribunal jirrileva li s-socjeta’ konvenuta ipprezentat nota ta' ammisjoni limitatament ghas-somma ta' erba' mija tlieta u sittin Lira (Lm463) fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2004. Pero' l-attrici qed titlob ferm aktar minn hekk cioe' seba' mija sitta u tletin Lira (lm736).

Jirrizulta mix-xhieda tal-attrici u sia mix-xhieda tal-provi minnha prodotti li anke d-differenza fl-ammont huwa dovut. Kif ben tajjeb gie rilevat, is-socjeta’ konvenuta rrekklamat l-esagerazzjoni tal-ammont mitlub. Fl-istadju antecedenti, dan il-punt qatt ma gie sollvut.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici pruvat il-kaz taghha kif mitlub mill-ligi fuq bilanc ta' probabiltajiet u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu akkolti.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------